DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/1177

tas-26 ta' Ġunju 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/2/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM RCA, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti sussegwenti tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fl-10 ta' Jannar 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/112 ([2]) biex ħatar lill-Brigadier Ġeneral Herman RUYS bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 ([3]) emendat il-linja ta' kmand tal-EUTM RCA. Konsegwentement, id-Deċiżjoni (PESK) 2017/112 tħassret u l-Brigadier Ġeneral Herman RUYS inħatar bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA.

(4) Fl-24 ta' Mejju 2017, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li tiġi approvata n-nomina tal-Brigadier Ġeneral Fernando GARCÍA BLÁZQUEZ, propost mill-Kumitat Komuni tal-Eurocorps, biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Herman RUYS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA mill-24 ta' Lulju 2017.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Fernando GARCÍA BLÁZQUEZ huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mill-24 ta' Lulju 2017.

([1]) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/112 tal-10 ta' Jannar 2017 li taħtar il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2017) (ĠU L 18, 24.1.2017, p. 47).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tiddetermina l-arranġamenti għall-ippjanar u t-tmexxija tal-missjonijiet militari mhux eżekuttivi tal-UE fil-qafas tal-PSDK u li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja, 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 133).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS